MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 5/2011/1

**APS Bank Limited**

**v.**

**V.G. Tiles Company Limited**

**Il-Qorti:**

Illi b'dawn il-proceduri s-socjeta` V.G. Tiles Co. Ltd. qed tipprova zzomm lis-socjeta` APS Bank Ltd. milli tkompli bil-procedura ta' bejgh bis-subbasta tal-fond "Josvic", fi Triq Tumas Chetcuti Attard li bdiet b'rikors minnha pprezentat fit-22 ta' Ottubru, 2010. Illi din il-procedura tas-subbasta ttiehdet a bazi ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta'

debitu fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tal-20 ta’ Settembru, 2001, li kien gie rez ezekuttiv permezz ta’ ittra ufficjali datata 20 ta’ Awwissu, 2002; l-istess kuntratt rega’ gie rez ezekuttiv b’sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta’ Settembru, 2009. Il-fond ghandu jinbiegh fis-27 ta’ Jannar, 2010.

Fis-17 ta’ Dicembru, 2010, is-socjeta` V.G. Tiles Co. Ltd. ressqet rikors quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fejn, ghal diversi ragunijiet, talbet it-twaqqif tal-irkant “ai termini tal-Artikolu 326 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta”. Dik il-Qorti, wara li ordnat in-notifika lill-kontro-parti (l-APS Bank Ltd.) bil-fakolta` ta’ risposta, b’digriet tas-6 ta’ Jannar, 2011, cahdet it-talba tas-socjeta` V.G. Tiles Co. Ltd.

Din l-ahhar imsemmija socjeta` ressqet appell fil-konfront ta’ dan id-digriet u talbet li din il-Qorti joghgobha tikkancella u tirrevoka d-digriet imsemmi tas-6 ta’ Jannar, 2011, u tilqa’ t-talba taghha ghas-sospensjoni tas-subbasta. Hi ressqet zewg aggravji: (1) li d-digriet hu null ghax l-ewwel Qorti pprocediet ghad-digriet taghha minghajr smigh fil-miftuh, u (2) li d-digriet hu null ghax l-ewwel Qorti qieset ir-risposta tal-bank avolja din giet ipprezentata wara t-terminu ta’ jumejn li kienet iffissat l-istess Qorti.

Il-bank kreditur oppona t-talba peress li qies li d-digriet tal-ewwel Qorti huwa validu u konformi mal-ligi. L-istess bank, eccepixxa, in linea preliminari, l-irritwalita` tal-appell peress li digriet taht l-Artikolu 326 mhux appellabbli.

Fuq dan l-ahhar punt, jidher li l-bank kreditur ghandu ragun, ghax fil-waqt li l-Artikolu 281 tal-istess Kap. 12, li jitkellem fuq kif atti ezekuttivi jistghu jigu attakkati, jikkontempla appell mid-digriet relattiv, mhux l-istess jipprovdi l-Artikolu 326 espressament invokat mis-socjeta` rikorrenti biex issostni t-talba originali taghha. Debitur li jinvoka l-Artikolu 326 biex jipprova jwaqqaf subbasta, ma jistax wara, jekk it-talba tieghu tigi michuda, jinvoka l-Artikolu 281(4) biex jappella mid-digriet. Is-socjeta` debitrici setghet, kieku riedet, invokat l-Artikolu 281 biex tattakka t-titolu ezekuttiv vantat mill-bank kreditur, u kieku

ghamlet dan kien ikollha dritt ta' appell kif mahsub fl-istess artikolu; is-socjeta` debitrici, pero`, ma dehrilhiex li kellha tattakka t-titolu ezekuttiv, izda ressqet procedura biex tipprova twaqqaf l-irkant. Kontra digriet li bih talba simili tigi michuda, il-ligi ma tipprovdi ebda mod ta' appell, u kwindi dan l-appell ghandu jitqies irritu u null. La darba s-socjeta` V.G. Tiles Co. Ltd. invokat b'mod espress l-Artikolu 326 tal-imsemmi Kap. 12, ir-rimedju, jekk hi intitolata ghalih, tista' tiehdu biss ai termini ta' dak l-artikolu, u l-Qorti ma tistax tapplika ghall-kaz artikolu iehor li seta' talvolta jigi invokat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` V.G. Tiles Co. Ltd. billi tiddikjara l-istess irritu u null, bir-rizultat li din il-Qorti ma tistax tiehu aktar konjizzjoni tieghu.

L-Ispejjez jithallsu mis-socjeta` V.G. Tiles Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------